# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t’Inibizzjoni Nru **733/2023/1 (AD)**

## FES PROJECTS LIMITED (C 83872) U CONTRACTORS ONLY LIMITED (C 96424)

**VS**

## MALITA INVESTMENTS PLC (C 53047)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni permezz ta’ rikors tas-soċjetajiet FES Projects Limited u Contractors Only Limited datat disgħa (9) ta’ Mejju 2023 (minn issa ‘l quddiem *“is-soċjetajiet rikorrenti”*), u risposta tas-soċjeta’ Malita Investments plc datata ħmistax (15) ta’ Mejju 2023 (minn issa ‘l quddiem *“is-soċjeta’ konvenuta”*).

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar id-disgħa (9) ta' Mejju 2023, is-soċjetajiet rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lis-soċjeta' intimata milli:

    a. **Personalment u/jew tramite terzi tingaġġa u/jew tippermetti kwalsiasi sotto-kuntrattur u/jew individwu illi preċedentement ħadmu ma' u/jew prestaw servizzi lis-soċjetajiet rikorrenti fis-sit illi jinsab fi Triq it-Tabib Nikol Zammit, Triq l-Imdina u Triq Dun Manwel Zammit is-Siġġiewi (is-*"Sit"*) milli jesegwixxu u/jew ikomplu kwalsiasi xogħol illi kien kuntrattat mas-soċjetajiet rikorrenti permezz tal-kuntratt t'appalt anness u mmarkat 'Dok A' (il-*"Kuntratt"*) qabel it-terminazzjoni abbużiva tas-soċjeta' intimata u/jew**

    b. **Personalment u/jew tramite terzi jagħmlu u/jew jippermettu kwalsiasi użu minn kwalsiasi materjal illi inġieb fuq is-sit mis-soċjetajiet rikorrenti u/jew gia fornit u/jew kuntrattat sabiex jagħmlu u/jew ikomplu x-xogħlijiet hawn fuq imsemmija, u/jew**

    c. **Personalment u/jew tramite terzi jingaġġaw u/jew jippermettu kwalsiasi kuntrattur, sotto-kuntrattur u/jew individwi oħrajn, huma min huma, sabiex ikomplu u/jew b'xi mod u manjiera jintralċjaw fuq kwalsiasi xogħol mibdi u/jew gia esegwit mis-soċjetajiet rikorrenti jew terzi imqabbdin minnhom illi sal-ġurnata preżenti għadu ma huwiex iċċertifikat mill-perit / inġinier ingaġġat u dan speċjalment fid-dawl tar-responsabbilita' għad-difetti;**

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar id-disgħa (9) ta' Mejju 2023 stess, wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba provviżorjament u rriżervat illi tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri. Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tat-Tlieta, sittax (16) ta' Mejju 2023, ordnat in-notifika tar-rikors intimati, u akkordat lill-intimati terminu sal-ħmistax (15) ta' Mejju 2023 għar-risposta;

4. Permezz ta' risposta datata ħmistax (15) ta' Mejju 2023, is-soċjeta' intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

**Il-Qorti**

5. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

6. Wara li semgħet it-trattazzjoni tas-soċjetajiet rikorrenti u s-soċjeta' intimata waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023;

7. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Fatti tal-Każ**

8. In suċċint, jirriżulta mir-rikors odjern illi s-soċjetajiet rikorrenti kienu qed jipprestaw diversi xogħlijiet f'diversi siti tas-soċjeta' intimata skont kuntratti t'appalt ibbażati fuq ir-regolamenti tal-FIDIC konkjużi wara l-proċedura tal-Akkwist Pubbliku. Is-soċjeta' intimata deċidiet illi tittermina l-kuntratt imsemmi nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2022. It-terminazzjoni tal-kuntratt qiegħda tiġi kontestata mis-soċjetajiet rikorrenti;

9. Wara t-terminazzjoni, bdew għaddejjin bejn il-partijiet sensiela ta' laqgħat u skambju ta' korrispondenza, iżda l-partijiet ma waslu għall-ebda kompromess f'numru ta' kwistjonijiet. Is-soċjetajiet rikorrenti bdew jallegaw illi s-soċjeta' intimata kienet qiegħda taġixxi *in male fede* kemm fid-diskussjonijiet u anke qabel, stante illi ġie a konjizzjoni tas-soċjetajiet rikorrenti illi s-soċjeta' intimata allegatament aġixxiet b'mod konsistentement abbużiv u arbitrarju fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti bil-ħsieb li tittermina l-Kuntratt għall-benefiċju ta' terzi.

**Talba tas-Soċjetajiet Rikorrenti**

10. Is-soċjetajiet rikorrenti qed isostnu illi għalkemm ma sar ebda xogħol fuq is-Sit wara t-terminazzjoni tal-kuntratt, is-soċjeta' intimata wriet b'mod ċar illi kien bi ħsiebha ddaħħal ħaddiema oħra, partikolarment nies illi kienu preċedentement imqabbdin jew ingaġġati mas-soċjetajiet rikorrenti stess fuq is-sit, sabiex ikomplu xogħlijiet li bdew is-soċjetajiet rikorrenti;

11. Għaldaqstant, is-soċjetajiet rikorrenti qed jitolbu illi s-soċjeta' intimata tiġi inibita milli tingaġġa u/jew tippermetti terzi illi preċedentement ħadmu ma' u/jew ipprestaw servizzi lis-soċjetajiet rikorrenti fis-sit qabel it-terminazzjoni, milli personalment jew tramite terzi jagħmlu u/jew jippermettu kwalsiasi użu minn materjal li nġieb fuq is-sit mis-soċjetajiet rikorrenti, u milli personalment u/jew tramite terzi jippermettu illi jsir xogħol illi ġie mibdi mis-soċjetajiet rikorrenti u li għadu ma ġiex ċertifikat mill-Perit jew inġinier ingaġġat. Is-soċjetajiet rikorrenti qed isostnu illi jekk il-mandat ma jintlaqax, ser ikomplu jiżdiedu l-ispejjeż bla limitu u hemm riskju kbir li ssir ħsara fuq xogħol u/jew materjal li jista' jiġi attribwit lis-soċjetajiet rikiorrenti.

**Risposta tas-Soċjeta' Intimata**

12. Is-soċjeta' intimata tikkontendi illi filwaqt illi żżomm ferm il-posizzjoni tagħha illi t-terminazzjoni kienet ġusta, anke jekk jinstab eventwalment fil-mertu li dan mhux il-każ, hi tibqa' biss esposta għal kumpens finanzjarju fil-konfront tal-kuntrattur u xejn aktar, stante illi l-Art 1640 tal-Kap 16 jistipula illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll il-kuintratt meta jrid, anke jekk ikun beda x-xogħol;

13. In oltre, is-soċjeta' intimata tissottometti illi l-ħsara li jallegaw li ser isofru s-soċjetajiet rikorrenti hija waħda purament finanzjarja. Hija ssostni illi ċ-ċertifikazzjoni ġia saret mill-Periti tal-proġett, u li l-possibilita' ta' ħsarat jew

il-possibilita’ li tiġi invokata r-responsabbilta’ għal difetti ma tista qatt twaqqaf ix-xogħolijiet kif qed jintalab;

14. Finalment, is-soċjeta’ intimata ssostni illi s-soċjetajiet rikorrenti m’għandhom l-ebda dritt *prima facie*, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. Rigward l-ewwel talba: Fil-kuntratti tagħhom ma’ terzi, is-soċjetajiet rikorrenti kienu marbuta illi għandhom jassiguraw irwieħhom illi s-soċjeta’ intimata tkompli taħdem mal-istess terzi f’każ ta’ terminazzjoni;

    b. Rigward it-tieni talba: Fil-kuntratt t’appalt, ġie stipulat illi materjal konsenjat fuq is-sit isir proprjeta’ tas-soċjeta’ intimata mal-konsenja. In oltre, f’dak illi jirrigwarda materjal li mhux konsenjat iżda allegatament fornit u /jew kuntrattat, is-soċjeta’ intimata ġia kienet propensa illi jekk hemm xi materjal għand is-soċjetajiet rikorrenti, tużah u tħallas tiegħu, iżda s-soċjetajiet rikorrenti qatt ma ressqu prova ta’ dan;

    c. Rigward it-tielet talba: Il-Perit tal-proġett gia ivvaluta x-xogħol wara talba għal ħlas da parti tal-kuntrattur, u għalkemm hemm xi differenzi bejn il-pretensjonijiet tas-soċjetajiet rikorrenti u ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit, din hija kwistjoni illi għandha tiġi dibattuta fil-forum appożitu;

15. Finalment, is-soċjeta’ intimata tissottometti illi f’April 2023, hija qabbdet kuntrattur ieħor sabiex ikompli u jlesti x-xogħol li kellhom jagħmlu r-rikorrenti, u għalhekk dak li qed jitolbu s-soċjetajiet rikorrenti hija l-inibizzjoni ta’ fatt kompjut.

**Konsiderazzjonijiet**

16. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *“L-iskop tal-mandat t’inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel*

*kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

17. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

18. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

*li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

19. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

20. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff
[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

21. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

22. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

23. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

24. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "***necessary***".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

---

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca
[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

25. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

26. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża.

### A. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Jedd *Prima Facie*</u>

27. Is-soċjetajiet rikorrenti qed isostnu illi t-talba tagħhom għandha tintlaqa' stante illi d-dritt tagħhom *prima facie* jirriżulta mill-fatt illi ġie ffirmat kuntratt bejn il-partijiet, u li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi sar ix-xogħol, kien hemm terminazzjoni tal-appalt, u li hemm litiġju bejn il-partijiet dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt t'appalt;

28. Din il-Qorti, iżda, ma taqbilx mas-soċjetajiet rikorrenti illi l-kuntratt bejn il-partijiet jagħti lis-soċjetajiet rikorrenti dritt *prima facie* sabiex tintlaqa' t-talba tagħhom;

---

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

29. Fl-ewwel lok, jirriżulta b'mod ċar mill-kuntratt iffirmat mis-soċjeta' intimata u s-soċjeta' FES Projects Ltd illi, *"After termination, the Employer may complete the Works and/or arrange for any other entities to do so. The Employer and these entities may then use any Goods, Contractor's Documents and other design documents made by or on behalf of the Contractor."*[8] Jidher għalhekk illi kienet is-soċjeta' FES Projects Ltd stess illi rrikonoxxiet id-dritt tas-soċjeta' intimata illi tipproċedi bl-esekuzzjoni tax-xogħol wara t-terminazzjoni tal-kuntratt t'appalt;

30. Fit-tieni lok, is-soċjeta' intimata esebit iċ-ċertifikazzjoni tal-proġett bħala **Dok Malita 2** a fol 218 *et seq* tal-proċess, b'dana illi x-xogħol mibdi u/jew esegwit mis-soċjetajiet rikorrenti jew terzi mqabbda minnhom huwa għalhekk ċertifikat;

31. Fit-tielet lok, il-klawsola numru 7.7 fil-kuntratt t'appalt jagħmilha ċara illi, *"Each item of Plant and Materials shall, to the extent consistent with the Laws of the Country, become the property of the Employer at whichever is the earlier of the following times, free from liens and other encumbrances:* ***(a) when it is delivered to the Site****; (b) when the Contrator is entitled to paymnet of the value of the Plant and Materials under Sub-Clause 8.10 (Payment for Plant and Materials in Event of Suspension)."*[9] Huwa għalhekk evidenti illi kienet ukoll is-soċjeta' FES Projects Ltd illi rrikonoxxiet il-fatt illi kwalsiasi materjal u/jew apparat fuq is-sit tal-proġett, sar proprjeta' tas-soċjeta' intimata hekk kif wasal fuq is-sit tal-proġett. Dan ikkunsidrat, ma tistax din il-Qorti tinibixxi lis-soċjeta' intimata milli tagħmel hi stess użu, u/jew tawtorizza użu ta' materjal u/jew apparat fuq is-sit tal-proġett, gialadarba hija stess għandha d-dritt *prima facie* illi tagħmel użu minnhom;

---

[8] Vide klawsola 15.2 f'**Dok Malita 3** *(Conditions of Contract for Construction for Building and Engineering Works designed by the Employer – General Conditions*) anness mar-risposta tas-soċjeta' intimata, a fol 278 tal-proċess. Jiġi għal kull buon fini dikjarat illi l-klawsola 15 (a fol 11 tal-proċess) fil-kuntratt esebit mis-soċjetajiet rikorrenti bħala **Dok A** anness mar-rikors promotur (*Particular Conditions*) tissostitwixxi biss l-ewwel żewġ paragrafi tal-klawsola 15.2 f'**Dok Malita 3**, u mhux il-klawsola 15 fl-interita' tagħha.

[9] Vide **Dok Malita 3** anness mar-risposta tas-soċjeta' intimata, a fol 256 tal-proċess (emfasi ta' din il-Qorti)

32. Huwa minnu illi, hekk kif ikkonfermaw anke l-partijiet, jista' jkun illi hemm xi diskrepanzi bejn il-pretensjonijiet tas-soċjetajiet rikorrenti u l-kalkoli tas-soċjeta' intimata; madanakollu, fuq bażi *prima facie*, jidher illi hija s-soċjeta' intimata illi għandha, mad-daqqa t'għajn, raġun f'dan il-każ, u mhux is-soċjetajiet rikorrenti. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi **huwa nieqes l-ewwel element** rikjest sabiex tintlaqa' talba ta' din ix-xorta fil-każ odjern.

**B. It-Tieni Element: Preġudizzju Irrimedjabbli**

33. Il-fatt innifsu illi ma jissussistix l-ewwel element diġa jimmilita kontra s-soċjetajiet rikorrenti, stante illi, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, ġurisprudenza kostanti tgħallem illi l-elementi illi jeħtieġ jissussistu sabiex tintlaqa' talba f'mandat t'inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi. Madanakollu, din il-Qorti tħoss illi tkun qed tonqos jekk ma tagħmilx ukoll osservazzjoni dwar it-tieni element, u cioe l-element ta' preġudizzju irrimedjabbli;

34. Hekk kif tajjeb targument s-soċjeta' intimata, is-soċjetajiet rikorrenti tagħmilha ċara illi *"l-preġudizzju illi jsofru s-soċjetajiet rikorrenti jekk il-mandat ma jintlaqax ser inter alia ikompli jżid l-ispejjeż bla limitu u hemm riskju kbir illi ssir ħsara fuq ix-xogħlijiet u/jew materjali illi jistgħu jiġu attribwiti lis-soċjetajiet rikorrenti."* Huwa evidenti illi s-soċjetajiet rikorrenti qegħdin għalhekk jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq preġudizzju ta' natura finanzjarja;

35. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[10], illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta*

[10] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

*d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

36. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[11]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

37. Għaldaqstant, peress illi, b'ammissjoni tas-soċjetajiet rikorrenti stess, il-preġudizzju illi huma qed isostnu illi ser isofru minnu f'każ illi ma tintlaqax it-talba tagħhom, jidher illi huwa ta' natura finanzjarja, din il-Qorti tqis illi **<u>lanqas jissussisti t-tieni element</u>** rikjest sabiex it-talba rikorrenti tiġi akkolta.

**Decide**

38. Għal dawn il-motivi, u peress illi nstab illi huma nieqsa l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba bħal dik in eżami, din il-Qorti sejra:

[11] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

(a) **<u>Tirrevoka *contrario imperio*</u>** d-digriet minnha mogħti nhar id-disgħa (9) ta' Mejju 2023; u

(b) **<u>Tiċħad</u>** it-talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjetajiet rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**